MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Numru 239/1997

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Farrugia)**
**Supretendent Raymond Vella Gregory**

**Vs**

**Chev. Avukat Dr. Antoine Gambin LL.D. O.S.J.**

Il-Qorti:

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront ta` l-imputat u dan talli f`dawn il-Gzejjer, fl-ahhar xhur qabel din l-akkuza, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b`risoluzzjoni wahda:

B`mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn Lm 10,000 ghad-dannu ta` Paul Cremona, Emmanuel Vella u persuni ohra u dan bi ksur ta` l-Artikoli 308 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant, kien gie mitlub li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali (fol. 145 ta` l-atti) u li biha, billi deherlu li tista` tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront ta` l-imputat a bazi ta` l-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali baghet lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta` Gudikatura Kriminali, f`nuqqas ta` oggezzjoni da parti ta` l-istess imputat  u dan wara li tisma` l-ahhar provi li ggib il-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (fol. 142 ibid).

Semghet ix-xhieda prodotti in esami u kontro esami ta` l-akkuzat.

Rat dak verbalizzat mill-istess akkuzat skond kif rizultanti mill-verbal tas-seduta tat-21 ta` April, 1999 (fol. 169 ibid kif ukoll ara fol. 175 ibid).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu u rat id-dokumenti ezebiti in difesa.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet bil-miktub sottomessa mill-akkuzat (fol. 222 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, kif rizultanti mix-xhieda ta` l-Ispettur Raymond Vella Gregory (fol. 10 sa fol. 20 ta` l-atti), dan il-kaz beda meta

l-istess akkuzat kien ghamel rapport bil-miktub lit-taqsima tal-frodi tal-Pulizija u dan in rigward "attentat ta` frodi", fil-konfront tieghu u ta` martu u dan da parti ta` Emanuel Vella u l-mara ta` dan, skond kif rizultanti mill-ittra ezebita in atti a fol. 15 (Dok. RVG). Fl-istess ittra jissemma illi l-akkuzat kien dahal "… ghal xi negozju" ma` Emanuel Vella, li da parti tieghu kien "… ghamel qliegh mhux hazin". Meta kien gie deciz li jieqaf dan in-negozju, l-akkuzat jsostni illi, f`isem kumpanija tieghu kien obbliga mhux li "… ihallas din is-somma ammontanti ghal Lm 7,000 permezz ta` skrittura privata. Wara li ghaddew madwar xahrejn, l-akkuzat kien ta` struzzjonijiet lill-martu sabiex tghaddi "cheque" mid-dehra in bjank lill-imsemmi Vella wara li tiffirmah, sabiex hu stess jghid dejjem lil Vella, jekk "… jaghmlu ta` tlett elef jew tlett elef u hames mitt lira". Dan kien sar sabiex jaqta` parti mill-istess obbligazzjoni u ghaliex ma kienx ghadu ddepozita flus fil-kont bankarju. Madwar jumejn wara hu kien ircieva telefonata minghand il-"manager" tal-bank involut, li nformah illi mart Emanuel Vella kienet ipprezentat "cheque" ghall-pagament ammontanti ghal Lm 8,000. Ghalhekk, l-akkuzat, ovvolja dan ic-"cheque" li ma giex onorat ma kienx gie ritornat lura, hu kien hareg "cheque iehor" din id-darba bil-valur specifikat ta` Lm 3,500, bil-patt, pero` illi Emanuel Vella jsarfu "… meta nghidlu jiena ghaliex billi nircievi flus minn barra proprju flus illi kienu l-flus tan-negozju li ghamel ma` Vella". Anke hemmhekk xi jumejn wara, Emanuel Vella pprova jsarraf l-istess "cheque" "… minghajr kelma minghandi". Ghalhekk, hu kien ghalaq il-kont bankarju relattiv. In oltre, l-akkuzat u martu kienu ircevew ittra ufficcjali, kif ezebita a fol. 17 ibid, u li fiha hemm specifikat ammont sbaljat bhala allegatament dovut mill-akkuzat u martu. Wera li sar dan ir-rapport l-ufficcjal investigattiv kien baghat ghal istess Vella li, filfatt, allavolja li l-akkuzat kien hareg favur tieghu zewg "cheques", korrettament, ghall-ammont ta` Lm 7,911, liema "cheques ma kienux onorati mill-banek u, dwar liema ammont, ma kien ircieva ebda pagament, anke akkont avvolja kienu saru diversi promessi ta` hlas da parti ta` l-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi Emanuel Vella xehed (fol. 40 set seq ibid) illi kien sar jaf lill-akkuzat u dan "… in konnessjoni ma` bicca negozju" ta` xiri ta` art, bis-subasta, liema negozju, pero`, "… ma kien sar xejn". F`okkazzjoni ohra, l-akkuzat kien avvicinah u qallu illi kellu bzonn ta` Lm 5,000 depozitu "… in konnessjoni ma` bicca negozju li kellu" li kien jikkonsisti f`"esportazzjoni ta` xi haga alcoholika mill-Italja lejn in-naha ta` fuq ta` l-Ewropa". Di fatti l-ghada, l-akkuzat kien gab "… xi karti tad-Dwana" u t-tnejn flimkien marru fil-fergha ta` bank fil-Hamrun in konnessjoni ma` hrug ta` "letter of credit". Pero`, minn kliem l-istess xhud , ma kien sar xejn u ma kienx tah il-flus mitluba peress li "… mill-kliem li kien qed jghid il-"manager", bzajt minnha l-affari". Jumejn wara, pero`, l-akkuzat kien rega` gie ghandu u kien gab mieghu "… karti li allegatament kienu jsiru li hu seta` jibghat il-flus barra sabiex jsir in-negozju" u ghalhekk hu kien tah l-ammont mitlub permezz ta` "cheque". Wera li kien ghadda certu perjodu ta` zmien, l-akkuzat kien informah li kollox kien sejjer tajjeb u li kien ircieva flus fil-kont bankarju tieghu minn barra minn Malta, in rigward liema punt, minn verifiki li hu kien ghamel, irriulta li ma kienx minnu. Ghalhekk, wara li l-istess akkuzat kien qallu "… li nergghu nhaddmu l-flus", hu u l-istess akkuzat "… ghamilna karta" bid-data tal-15 ta` Frar, 1996 (fol. 50 ta` l-atti) mill-liema dokument jidher illi x-xhud silef lill-akkuzat is-somma ta` Lm 5,000 pagabbli a nkjesta tax-xhud u b`imghax imsemmi ta` 8.5 %. In oltre hemm ukoll dikjarat fl-istess dokument illi l-istess self qed jsir "in connection with one deal transhipment from Italy" u dan f`isem il-kumpanija hemm imsemmija. Jigi notat illi, fin-naha tax-xellug ta` isfel ta` l-istess dokument hemm imnizzlin figuri, korretti b`"tipex" li jgibu total ta` Lm 7,911.23 u data 9/7/96". Ix-xhud spjega dan billi qal, li skond il-ftehim hu kellu jircievi oltre l-imghax gia` miftiehem 41 % tal-qliegh. Dwar l-istess kalkoli ossia fuq imsemmija, x-xhud kien qal illi "… kollha nizzilhom l-imputat stess" quddiem it-tifla tax-xhud. Di fatti l-istess tifla, Tania Micallef, kienet ghamlet kalkoli hziena u l-akkuzat kien ghamel, hu stess, il-figuri ossija kalkoli korretti. Ix-xhud esebixxa wkoll kitba ohra li tinsab a fol. 51 ta` l-atti u li minnha, jidher li fl-24 ta` Gunju 1996, l-akkuzat, f`isem kumpanija mhux imsemmija kien

ikkostitwixxa lilu nnifsu bhala debitur versu x-xhud, fis-somma ta` Lm 7,000. Sussegwentement, l-akkuzat kien hareg zewg “cheques” (ara Dok. EV3 u Dok EV4 a fol. 52 u fol. 53 ibid). L-ewwel “cheque” esebit kien inhareg in bjank, mill-akkuzat u ffirmat minnu. L-istess cheque, fuq instruzzjonijiet moghtija mill-akkuzat, kien imtela` minn mart ix-xhud, li inserriet isimha bhala il-“payee”. Pero`, meta saru diversi tentattivi sabiex dan jissarraf, filfatt ma kien gie onorat u in rigward l-istess “cheque”, ix-xhud sostna illi fl-ebda hin ma kien qal, l-akkuzat, illi x-xhud jew martu ma kellhomx jsarfuh, liema akkuzat kien kiteb, hu stess, id-data fuq l-istess “cheque”. Meta kien skada xi zmien, l-akkuzat kien hareg “cheque” iehor li kien jkopri parti mill-flus in kwistjoni, liema cheque u miktub kollu kemm hu mill-akkuzat hu datat l-14 ta` Settembru, 1996 (ara Dok. EV 4 a fol. 53 ibid). Pero`, anke hawn hekk dan ma kienx gie onorat u ossija kien gie iffissat appuntament bejn il-partijiet sabiex is-sitwazzjoni tigi diskussa, l-akkuzat ma kienx gie ghal dan l-appuntament (ara wkoll ix-xhieda ta` Marlene Vella, mart ix-xhud, a fol. 65 et seq ibid kif ukoll dik ta` bintu Tania Micallef a fol. 72 et seq ibid). Illi gie prodott rapprezentant tal-Bank in kwistjoni ma` dawn iz-zewg “cheques” u l-kont bankarju relattiv. Di fatti Philip Saliba (fol. 54 u fol. 166 et seq ibid) xehed li l-istess kont kien infetah, bhala “joint account”, mill-akkuzat u martu fit-23 ta` Awissu, 1996 u kien inghalaq fuq talba ta` l-istess akkuzat fit-13 ta` Novembru, 1996 (ara l-anness “statement” immarkat Dok. PS 1 a fol. 58 ta` l-atti. Dwar l-istess “cheques”, ix-xhud waqt li rrefera ghall-istess “statements”, spjega illi l-ewwel wiehed ma kienx gie onorat minhabba nuqqas ta` fondi waqt li in rigward it-tieni wiehed, kien sar l-istess minhabba, l-ewwel nett, kien hemm fondi li, pero`, ma kienx “cleared”, u sussegwentement minhabba nuqqas ta` danni (ara wkoll ix-xhieda ta` Nazzareno Bezzina a fol. 120 u fol. 121 ibid kif ukoll ta` Saviour Sciberras a fol. 122 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, kif rizultanti mix-xhieda ta` l-istess Ufficcjal Prosekutur (fol. 12 et seq ibid) kien sar rapport iehor lill-Pulizija fil-konfront ta` l-akkuzat, din id-darba minn Paul Cremona in

konnessjoni ma` erba` "cheques", ammontanti ghal Lm 10,000, u li, wkoll ma kienux onorati. L-istess Paul Cremona (fol. 21 u fol. 62 et seq ibid) spjega illi l-akkuzat kien avvicinah matul Jannar ta` l-1996 in konnessjoni ma` "xi flus (li kellu bzonn) in rigward ma` xi negozju", ossija l-importazzjoni, f`Malta, ta` "oggetti tan-nar in konnessjoni ma` festi "kif ukoll" xi transport ta` alkohol mill-Italja ghall-pajjiz iehor". Ghalhekk, ix-xhud kompla jghid illi kien ta` din is-somma lill-akkuzat permezz ta` zewg "cheques" (ara Dok. PC 3 a fol. 64 ibid) mahrugin favur l-akkuzat fuq il-"Bank of Valletta". Meta kien sar dan, kienu gew iffirmati "zewg skritturi" private", wahda fil-pussess ta` l-akkuzat u l-ohra f`dak ta` ibnu, Warren Cremona, sabiex issir fotokopja. Pero`, x-xhud issottolinea li din ta` l-ahhar kienet sparixxiet "minn gol-Qorti stess fejn tahdem il-mara ta` l-imputat". Dwar il-pagament lura tas-somma mislufa, in rigward "cheque" wiehed, l-ammont hemm imnizzel kellu jithallas lura lix-xhud sa` l-ahhar ta` Novembru, 1996 waqt li in rigward l-iehor il-hlas kellu jsir "fi spazju ta` gimgha jew ghaxart ijiem". Pero` avolja l-akkuzat kien hareg erba` "cheques" pagabbli fuq kont numru 112 6943 0014 intestat f`isem mart l-akkuzat, l-istess "cheques" ezebiti in atti u mmarkat Dok. PC 1 (fol. 28 ibid) ma gewx onorati ("referred to drawer"), f`kull okkazzjoni li fiha kien ghamel tentattiv sabiex jsarrafhom. Ghalhekk kien ghamel rapport lill-Pulizija in vista li kien gie infurmat mill-istess Bank illi c-"cheques" ma gewx imsarrfa minhabba nuqqas ta` fondi (ara wkoll l-ittri ezebiti mill-istess xhud a fol. 29 sa fol. 31 ibid kif ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank involut, Brian Farrugia a fol. 33 sa fol. 39 ibid).

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ahhar xhud, kien gie prodott ibnu Warren Cremona (fol. 75 et seq ibid) li spjega illi kien hu li "ressaq" lill-missieru Paul Cremona sabiex jsellef flus lill-akkuzat. Fil-bidu dan kien filfatt irrifonda l-flus lura bl-imghaxijiet relattivi. F`okkazzjoni ohra, l-akkuzat kien issellef Lm 5,000, permezz ta` "cheque" li inghata lill-akkuzat kif ukoll Lm 5,000 ohra minghand missier l-gharusa ta` l-istess xhud. Hu kompla jghid illi missieru kien silef lill-akkuzat Lm 5,000 ohra, b`kollox Lm 10,000,

din id-darba bhala direttur b`referenza ghall-akkuzat tas-socjeta` “Wealth Company Limited”. Hawnhekk kienet saret skrittura private li giet dattilografata mill-istess akkuzat li da parti tieghu kien ta` kopja lix-xhud sabiex missieru jiffirmaha, kif filfatt gara. Ix-xhud spjega li kien zamm kopja ta` l-iskrittura dattilografata fix-xhieda tieghu fil-Qorti. Pero`, wara li kien ghadda certu zmien, ma kienx sab, aktar, din il-kopja u l-akkuzat ma kienx tah kopja ohra avolja mitluba.

Illi dwar ic-“cheques” mahrugin mill-akkuzat favur Paul Cremona, kien xehed l-Ispettur Horace Anastasi (fol. 90 et seq ibid) li spjega li l-istess Paul Cremona kien kellmu dwarhom fis-sens li hu ma xtaqx li l-akkuzat jittella` l-Qorti izda “… biss li jien inkellmu dwarhom”. Difatti hu kien tkellem ma` mart l-akkuzat in-nota li kienu mahrugin minnha (ara fol. 94 ibid). Pero` hi kienet qalet lix-xhud li ma kienetx taf xejn “dwarhom”. Sussegwentement, kien tkellem ma` l-akkuzat u dan kien stqarr mieghu li l-firem fuq iz-zewg “cheques” kienu tieghu, li hu kien spjega lil Paul Cremona li kien qed jistenna flus gejjin minn barra minn Malta. Pero` jidher li Paul Cremona, fil-fatt, ma kienx thallas ovolja kien ghadda certu zmien. In oltre gie prodott, ukoll Louis Gauci (fol. 95 et seq ibid) in rapprezentanza tal-Bank “APS Bank Ltd” u dan ikkonferma li kull darba li Paul Cremona kien jgib “cheques” mahrugin favur tieghu mill-akkuzat ma kienx hemm provi sufficjenti sabiex jigu koperti u onorati u b`hekk kienu gew “referred to drawer”. Pero`, eventwalment wiehed mill-istess “cheques”, kien gie onorat stante li l-akkuzat kien “dahhal fondi”. Ix-xhud, inoltre, ikkonferma li kien qed jirreferi fix-xhieda tieghu ghal erba` cheques ezebiti in atti u mmarkati Dok. PC 1. Fil-fatt hu kjarifika li, oltre dawn kien hemm “cheque” iehor li kien gie onorat. Minhabba dak premess, il-kont kien inghalaq u c-“cheque book” ritornat.

Ikkunsidrat

Illi bhala provi ulterjuri u rilevenati gew prodotti s-segwenti:-

a) Alfred Attard (fol. 109 et seq ibid), fizzjal mid-Dwana, spjega li l-akkuzat kien qallu li kien jesporta oggetti mill-Italja lejn il-Latvja u ghal dan il-ghan kellu bzonn xi flus. Dwar dan l-akkuzat ma kienx urieh xi dokumenti izda xorta wahda kien ta` s-somma ta` Lm 3,500 lill-akkuzat u dan fil-fergha ta` Bank li mieghu kien mpjegat l-akkuzat. Sussegwentement, l-akkuzat kien irrifonda dawn il-flus kif ukoll Lm 400 bhala "parti mill-profitt". Wara xi zmien, l-akkuzat kien talab Lm 5,000 minghand ix-xhud "… in konnessjoni ma` negozju ta` xi alcohol" bejn l-istess zewg pajjizi msemmija, liema somma kellha tithallas lura fi zmien ghaxart ijiem. Pero`, f`din l-okkazzjoni, hu ma kienx thallas lura avolja kien istitwixxa proceduri civili.

Jigi notat, ukoll, illi dan kollu kien sar, bl-intervent ta` l-gharus tat-tifla tax-xhud, Warren Cremona (ara "supra").

b) Lawrence Seychell (fol. 112 et seq ibid), li ezebixxa, f`isem Joseph Brincat, il-"manager" tal-fergha tal-Bank imsemmi fil-Hamrun, diversi dokumenti a fol. 115 et seq ibid u mmarkati Dok. LS. L-ewwel dokument hu "application for payment outwards", it-tieni wiehed hu "customer transfer" li hu uzat internament segwit mill-messagg li ntbaghat mill-istess Bank lil dak barrani in konnessjoni ma` trasferiment ta` fondi, ir-raba` dokument hu kopja mic-"cheque returned register" b`dak mmarkat bil-kulur "orangjo" jirreferi ghall-akkuzat u kien dwar "cheque" moghti lill-istess Bank mill-akkuzat in konnessjoni ma` fondi barra minn Malta. L-imsemmi Joseph Brincat gie prodott (fol. 128 u fol. 16 et seq ibid) u dan xehed dwar il-"bank transfer" imsemmija mill-ahhar xhud li kienet tinvolvi l-ammont ta` 60,000,000 liri taljani. Din kienet l-unika transazzjoni li kien ghamel l-akkuzat fil-fergha msemmija u, di fatti, x-xhud eskluda li l-akkuzat kien ghamel xi "letter of credit" (ara l-anness Dok. JB 1 a fol. 130 et seq ibid).

Ikkunsidrat.

Illi, in difesa, l-akkuzat ipproduca diversi provi kif ser jinghad:-

a) Juan Abela (fol. 178 et seq ibid) li, pero`, kien gab mieghu d-dokumenti sbaljati.

b) Christopher Warren (fol. 195 et seq ibid) ezebixxa fotokopja ta` “sanction letter” mibghuta lil Paul Cremona u martu dwar facilita` ta` self moghtija u koncessa lilhom mill-Bank imsemmi kif ukoll fotokopja ta` ittra mibghuta mill-akkuzat f`isem l-istess konjugi Cremona, bhala klijenti tieghu, u li permezz taghha intalab ir-rilaxx ta` kont fiss moghti bhala “pledge” lill-istess Bank.

c) Sandro Montebello (fol. 200 et seq ibid) li xehed minflok Juan Abela (ara paragrafu a) “supra”. Dan ukoll gie prodott sabiex jezebixxi dokumenti cioe` fotokopja ta` “cheque” li ma giex onorat minhabba nuqqas ta` fondi fil-kont ta` “Lumenck Company Ltd” u li kien mahrug favur Paul Cremona. In oltre saret referenza ghal “cheque” iehor li ma nstabx peress li gie wkoll ritornat bhala “referred to drawer”.

d) L-istess akkuzat (fol. 204 et seq ibid) spjega li kellu relazzjonijiet kummercjali ma` l-partijiet lesi izda separatament u distintivament minn xulxin. Pero` wara hu qal illi “jiena u dawn it-tnejn … konna ghamilnieha speci ta` ‘joint venture’ … konna naghmlu ‘trading’ it-tlieta kollha ahna flimkien” bl-uzu ta` kumpanija bl-isem ta` “World Wealth Limited”. Skond l-akkuzat dan kien jinvolvi “buying and selling of stock” ossija konsenja ta` alcohol powder’. Hawn hekk hu semma` illi, minflok ma jigi ottenut “overdraft” mill-Bank, l-istess Paul Cremona u certu Alfred Attard kien issugerilu illi, minflok dan, “jidhlu mieghu” u hekk bdejna naghmlu. Di fatti kienu saru “tlett transazzjonijiet (tradings)” bi ‘pooling’ ta` flus it-tlieta flimkien” in rigward l-ewwel zewg transazzjonijiet, bl-akkuzat jiehu hsieb ix-xiri ta` l-“stock” kif ukoll il-kompraturi. Dwar dan, jidher li kien hemm success billi “dahhalna kemm il-kapital kif ukoll il-profitti”. Dwar it-tielet transazzjoni, pero` l-akkuzat specifika li kien hemm problema fis-sens li “d-driver kien mar lura ghand is-‘supplier’ peress li xi hadd kien waqqaf il-merkanzija fi Stuttgard u dan fi triqtu bejn Faenza fl-Italja u l-Latvja

wara li kien akkwistat minghand id-ditta “Distercoop”. Ghal xi raguni l-akkuzat semma` illi l-istess “supplier” kien xtara lura minghajr il-kunsens ta` l-akkuzat, il-merkanzija u b`nofs il-prezz. Dwar dan l-akkuzat jsostni li beda proceduri kontra l-imsemmija dritta waqt li aktarx ma tkomplewx minhabba l-ispejjez gudizzjarji waqt s-sewwieq tat-“track” kien qed jippretendi li jithallas id-doppju. Ghalhekk, hu kien ikellem kemm ma` Paul Cremona kien ma` Emanuel Attard kif ukoll ma` l-Avukat tieghu fl-Italja sabiex “nirrangaw il-kwistjoni”, izda kellu “hafna pressjoni” minn Attard u Cremona ghar-refusjoni tal-flus moghtija lilu in konnessjoni ma` din il-“joint venture”. Pero`, hu kien diga` baghat il-flus lis-“supplier” u, skond l-akkuzat, hu spicca li ma kienx ha l-flus lura minghand id-ditta barranija msemmija. Hawn hekk hu semma` li Paul Cremona kien marad u kien tah Lm 1,000 ghax dan kellu bzonnhom. In oltre kien ghen ukoll lil dan sabiex jakkwista self in konnessjoni ma` xiri ta` xi proprjeta` waqt li wkoll kien kiteb lill-Bank sabiex dan jirrilaxxa “colateral” fi flus li l-istess Cremona kien ta lill-Bank in konnessjoni ma` self izda minghajr ezitu pozittiv. In oltre kienu saru kawzi citati fil-konfront ta` l-akkuzat mill-istess kredituri involuti u ghalhekk kien hareg “cheques” favur Paul Cremona “peress li … kont kwazi wasalt ma` arrangament mas-‘supplier’ …”. Dwar Emanuel Vella, hu ikkonferma li bejniethom kienet “saret karta” u l-akkuzat kien iddikjara li hu debitur ta` dan fl-ammont ta` Lm 7,000. Din il-karta kienet “fl-atti” (presubilment fil-proceduri citati) izda “hemm sar xi emendi … li ma kontx ghamilthom jiena” li jindikaw illi “kelli naghti aktar lil Emanuel Vella”. Skond l-akkuzat, dan l-ammont kellu jigi imnuqqas ulterjorment minhabba spejjez inkorsi minnu per ezempju f`safar sakemm l-ammont dovut, dejjem skond hu kien naqas ghal Lm 3,000. In oltre, ipprometta wkoll li jezebixxi t-taxxa relattiva dwar spejjez rilaxxata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili. Hu sostna ukoll, dwar ic-“cheque” mahrug u ffirmat minn martu, in bjank, illi dan kien gie moghti minn martu minhabba pressjoni fuqha meta hi kienet tqila u hu ma kienx fid-dar tieghu. Eventwalment, dan ic-“cheque” gie rimpjazzat b`iehor ghal Lm 3,000 li ma giex onorat peress li wera li qal li kienu involuti “foreign cheques” li ma gewx “cleared”, hu biddel din u qal li fil-fatt, kienu “cheques” ta`

banek ohra Maltin.  In oltre hu kien ghalaq il-kont tieghu mal-“Lombard Bank” fuq parir ta` l-istess bank peress li Emanuel Vella kien mar jsarraf l-ewwel cheque mahrug fuq l-ammont ta` Lm 7,900, imnizzel b`mod hazin mill-istess Vella, liema “cheque” ma kienx gie ritornat minn dan.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jista` jidher li dan hu kaz tipiku ta` truffa u frodi.  Pero`, dwar dan, jigi rilevat illi:

a) Kif jidher mix-xhieda ta` Lawrence Seychell (ara “supra”) prodott mill-akkuzat in sostenn tad-difiza tieghu, kien xehed, f`isem il-Bank, illi mid-dokumenti ezebiti mill-istess xhud (ara fol. 115 u fol. 116), jidher li l-akkuzat kien verament u effettivament, ghamel pagament lis-socjeta` estera “Distercoop S.C.R.L.” ammontanti ghal “sixty million Italian liri” (ITL 60,000,000) u dan sabiex jhallas ghall-prodott imsemmi fix-xhieda tieghu.  Dwar dawn il-flus, hemm indikazzjoni cara li dawn kienu dawk moghtija lill-istess akkuzat mill-partijiet allegatament lezi.  Dan il-fatt jitfa` dell ikrah fuq it-tezi tal-Prosekuzzjoni illi l-akkuzat kien intenzjonat li ikkometti r-reati addebitati lilu.

b) Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu l-akkuzat ghamel riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Civili) fit-23 ta` Frar, 2001, fl-ismijiet “Paul Cremona et vs Dr. Antoine Gambin et”.  Peress li din il-Qorti rat li hu <u>rilevanti</u> illi tara x`kienet id-decizjoni f`din il-kawza civili li kienet tinvolvi l-akkuzat u l-imsemmi Paul Cremona, l-istess sentenza giet ezaminata Minnha waqt dawn il-proceduri.  Dan premess, Paul Cremona xehed illi kien ta l-flus in esami lill-akkuzat permezz ta` zewg “cheques” ezebiti a fol. 64 ibid, it-tnejn debitament imsarfin u depozitati fil-kont tal-“payee” cioe` l-akkuzat fil-11 ta` Dicembru, 1995 u fit-12 ta` Dicembru, 1996. Presubilment l-ewwel “cheque” jirreferi ghall-ewwel operazzjoni li rnexxiet pjenament waqt li t-tieni wiehed ghal dik in esami fl-ammont ta` Lm 5,000.  Fil-kawza civili, ma saret ebda allegazzjoni minn Paul Cremona illi l-akkuzat kien agixxa bl-intenzjoni li jikkometti “truffa” jew

frodi fil-konfront tieghu. Di fatti l-atturi kienu ippresentew illi huma kienu taw, b`titolu ta` mutwu (self), l-istess somma. Difatti, l-Qorti ta` l-Appell, fis-sentenza citata ikkonkludiet u ddecidiet illi effettivament trattasi ta` self u kkunsiderat lill-akkuzat sabiex jirrifondi tali somma moghtija lilu b`dan it-titolu ghal attivita` kummercjali pjuttost aleatorja u riskjuza. Dan il-fatt, hu sufficjenti sabiex din il-Qorti tara li fil-proceduri civili, ma saret ebda allegazzjoni doluza fil-konfront ta` l-akkuzat mill-konjugi Cremona u ghalhekk ma tistax tara kif jista` jigi konkluz illi l-akkuzat agixxa dolozament permezz ta` raggiri u “messa in scena” meta l-akkuzat inghata l-flus in kwistjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghandu jigi, rilevat, illi c-“cheques” li ssemmew f`dawn il-proceduri bhala avalenti mill-akkuzat lill-partijiet lesi u mhux onorati, kollha inhargu <u>wara</u> li l-flus in kwisjoni gew konsenjati lill-akkuzat. Ghalhekk ma jistghux jigu kunsiderati bhala parti mill-“messa in scena” ossija raggiri uzati mill-akkuzat sabiex jottjeni vantagg pekunjarju b`mod doluz. Filfatt fis-sentenza civili hemm citata jinnota illi c-“cheques” favur il-konjugi Cremona kienu nhargu “… meta diga` kien in corso l-proceduri ta` din il-kawza” ghaddew lil Prim`Awla tal-Qorti Civili.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl ta` dak premess, din il-Qorti ma tistax tara kif l-akkuzat ghandu jinstab hati ta` l-akkuzi in esami in vista li l-Prosekuzzjoni naqset, milli tipprova l-element intenzjonati doluz fil-konfront ta` l-akkuzat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------